

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/1486

tat-28 ta' Settembru 2018

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fi ħdan is-Sottokumitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Protokoll I ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ ("il-Ftehim") ġie ffirmat mill-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE ⁽²⁾ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 39 tal-Protokoll I tal-Ftehim ("il-Protokoll I"), is-Sottokumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 83 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Ftehim ("is-Sottokumitat Doganali") jista' jadotta emendi għad-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.
- (3) Skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 39 tal-Protokoll I, is-Sottokumitat Doganali jista' jiddeċiedi wkoll, wara l-adeżjoni tal-Ukrajna għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-orijini pan-Ewro-Mediterranji ⁽³⁾ ("il-Konvenzjoni"), li jissostitwixxi r-regoli tal-orijini stipulati f'dan il-Protokoll ma' dawk annessi mal-Konvenzjoni.
- (4) Il-Konvenzjoni tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-orijini ta' prodotti kkummerċjati skont il-ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti u daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012 u fir-rigward tal-Ukrajna fl-1 ta' Frar 2018.
- (5) Is-Sottokumitat Doganali jrid jadotta Deċiżjoni dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll I, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fis-Sottokumitat Doganali peress illi d-Deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (7) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jistipula li kull Parti Kontraenti għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Protokoll I jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li, fir-rigward tar-regoli tal-orijini, ikun jirreferi għall-Konvenzjoni.
- (8) Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokumitat Doganali għaldaqstant jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
- (9) Billi d-Deċiżjoni tas-Sottokumitat Doganali ser temenda l-Protokoll I, jenħtieġ li din tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (10) Fi ħdan is-Sottokumitat Doganali, l-Unjoni ser tiġi rrappreżentata mill-Kummissjonijiet konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

⁽¹⁾ ĠUL 161, 29.5.2014, p. 3.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/668/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-Titolu III (bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-trattament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment impjegati bħala ħaddiema fit-territorju tal-Parti l-oħra) u t-Titolu IV, V, VI u VII tiegħu, kif ukoll l-Annessi u l-Protokollu relatati (ĠUL 278, 20.9.2014, p. 1).

⁽³⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan is-Sottokomitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 83 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("is-Sottokomitat Doganali") għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz tad-Deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 1 jista' jiġi maqbul mir-rappreżentati tal-Unjoni fis-Sottokomitat Doganali mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
M. SCHRAMBÖCK

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2018 TAS-SOTTOKUMITAT DOGANALI BEJN L-UE U L-UKRAJNA

ta' ...

li jissostitwixxi l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

IS-SOTTOKUMITAT DOGANALI BEJN L-UE U L-UKRAJNA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva,

Billi:

- (1) L-Artikolu 26(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), jirreferi għall-Protokoll I tal-Ftehim ("il-Protokoll I") għar-regoli tal-oriġini.
- (2) Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (3) L-Artikolu 39 tal-Protokoll I jipprevedi li s-Sottokumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 83 tal-Kapitolu 5 tat- Titolu IV tal-Ftehim jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll u li jissostitwixxi r-regoli tal-oriġini stipulati f'dak il-Protokoll.
- (4) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ⁽²⁾ ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li b'att legali wieħed tibdel il-protokoll dwar ir-regoli tal-oriġini li hemm fis-seħħ bħalissa fost il-pajjiżi taż-żona pan-Ewro-Mediterranja.
- (5) L-Unjoni Ewropea ffirmat il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011. Fis-16 ta' Mejju 2017, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni ddeċieda li l-Ukrajna jenħtieġ li tiġi mistiedna taderixxi għall-Konvenzjoni ⁽³⁾.
- (6) L-Unjoni Ewropea ddepożitat l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħha għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012. L-Ukrajna ddepożitat l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħha mad-depożitarju tal-Konvenzjoni fid-19 ta' Diċembru 2017. Konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u (3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2012 u għall-Ukrajna fl-1 ta' Frar 2018.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll I jiġi sostitwit bi protokoll ġdid li jirreferi għall-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll I tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, għandu jiġi sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 161, 29.5.2014, p. 3.⁽²⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1/2017 tal-Kumitat Konġunt tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji tas-16 ta' Mejju 2017 rigward it-talba tal-Ukrajna biex issir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji [2017/1367] (ĠUL 191, 22.7.2017, p. 11).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika minn ...

Magħmul fi ...,

Għas-Sottokumitat Doganali bejn l-UE u l-Ukrajna
Il-President

ANNEX

Protokoll I

dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

Artikolu 1

Regoli tal-oriġini applikabbli

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw l-Appendiċi I u d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ⁽¹⁾ ("il-Konvenzjoni").
2. Ir-referenzi kollha għall-"Ftehim rilevanti" fl-Appendiċi I u fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni għandhom jittqiesu li qed jirreferu għal dan il-Ftehim.

Artikolu 2

Soluzzjoni għat-tilwim

1. Meta jinqala' xi tilwim b'rabta mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 32 tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni li ma jkunx jista' jissolva bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli biex iwettqu din il-verifika, it-tilwim għandu jitressaq quddiem is-Sottokomitat Doganali. Id-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu tas-soluzzjoni tat-tilwim fil-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw.
2. Fil-każijiet kollha is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur għandha timxi skont il-leġislazzjoni ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 3

Emendi għall-Protokoll

Is-Sottokomitat Doganali jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 4

Irtirar mill-Konvenzjoni

1. Jekk l-Unjoni Ewropea jew l-Ukrajna jagħtu avviż bil-miktub lid-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jirtiraw mill-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tagħha, l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna għandhom jidħlu minnufih f'negozjati dwar ir-regoli tal-oriġini għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
2. Sakemm jidħlu fis-seħħ tali regoli tal-oriġini negozjati mill-ġdid, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni, applikabbli fil-mument tal-irtirar, għandhom ikomplu japplikaw għal dan il-Ftehim. Madankollu, mill-mument tal-irtirar, ir-regoli tal-oriġini li jinsabu fl-Appendiċi I u, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Appendiċi II għall-Konvenzjoni għandhom jiġu interpretati b'mod li jippermetti akkumulazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna biss.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet ta' tranżizzjoni – kumulazzjoni

Minkejja l-Artikoli 16(5) u 21(3) tal-Appendiċi I għall-Konvenzjoni, fejn il-kumulazzjoni tinvolvi biss l-Istati tal-EFTA, il-Gżejjer Faeroe, l-Unjoni Ewropea, it-Turkija, il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u r-Repubblika tal-Moldova, il-Georgia u l-Ukrajna, il-prova tal-oriġini tista' tkun ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini.

⁽¹⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.